SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

12 ta' Mejju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-ispeċi ta' fawna u ta' flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom – Regolamenti (KE) Nri 338/97 u 865/2006 – Kavjar tal-isturjun – Introduzzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea bħala oġġetti personali jew domestiċi – Permess ta' importazzjoni – Deroga – Limitu ta' 125 gramma għal kull persuna – Qbiż – Intenzjoni li dan jingħata bħala rigal lil ħaddieħor"

Fil-Kawża C-87/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Ottubru 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Frar 2020, fil-proċedura

Hauptzollamt B

vs

XY,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn A. Kumin, President tal-Awla, A. Arabadjiev (Relatur), President tat-Tieni Awla, u T. von Danwitz, Imħallef,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Hauptzollamt B, minn A. Wollschläger, bħala aġent,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u S. Eisenberg, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Vláčil u L. Dvořáková, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Hermes u R. Tricot, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 136), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1320/2014 tal-1 ta' Diċembru 2014 (ĠU 2014, L 361, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 338/97"), u l-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 (ĠU 2006, L 166, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/870 tal-5 ta' Ġunju 2015 (ĠU 2015, L 142, p. 3) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 865/2006").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-Hauptzollamt B (l-Uffiċċju Doganali Prinċipali B, il-Ġermanja) u XY, dwar il-konfiska ta' sitt kaxxi tal-kavjar tal-isturjun b'piż ta' 50 gramma (g) kull waħda minħabba l-assenza ta' permess ta' importazzjoni ppreżentat mill-persuna kkonċernata mad-dħul tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt internazzjonali

3 Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu, iffirmata f'Washington fit-3 ta' Marzu 1973 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 993, Nru I-14537, iktar 'il quddiem iċ-"CITES"), għandha l-għan li tiżgura li l-kummerċ internazzjonali ta' speċi elenkati fl-annessi tagħha, kif ukoll il-partijiet u d-derivati tagħhom, ma jippreġudikax il-konservazzjoni tal-biodiversità, u jkun ibbażat fuq użu sostenibbli ta' speċi selvaġġi.

4 Din il-konvenzjoni, li għaliha l-Unjoni saret parti fit-8 ta' Lulju 2015, ġiet implimentata fl-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Jannar 1984 bis-saħħa tar-Regolament (KEE) Nru 3626/82 tat-3 ta' Diċembru 1982 dwar l-implimentazzjoni fil-Komunità tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (ĠU 1982, L 384, p. 1). Dan ir-regolament ġie mħassar bir-Regolament Nru 338/97 li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tiegħu jiddisponi li dan tal-aħħar għandu japplika f'konformità mal-għanijiet, mal-prinċipji u mad-dispożizzjonijiet taċ-CITES.

5 Skont ir-riżoluzzjoni tal-Konferenza tal-Partijiet 13.7 (Rev. CoP17) fuq il-kontroll tal-kummerċ ta' kampjuni li jikkostitwixxu oġġetti personali jew għal użu domestiku:

"[…]

Il-Konferenza tal-Partijiet għaċ-[CITES]

1. Tiddeċiedi li l-espressjoni ‘oġġetti personali jew għal użu domestiku’, li tinsab fl-Artikolu VII(3), għandha tapplika għall-kampjuni li:
   a) huma miżmuma jew huma proprjetà fuq bażi personali, għal finijiet mhux kummerċjali;
   b) ikunu ġew akkwistati legalment; u
   c) fil-mument tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni jew tal-esportazzjoni mill-ġdid:
      i) jintlibsu, jinġarru jew ikunu inklużi fil-bagalji personali; jew
      ii) huma parti minn ġarr.

[…]

3. Il-Partijiet:

   […]
   b) ma jeħtiġux permess ta’ esportazzjoni jew importazzjoni u lanqas ċertifikat ta’ esportazzjoni mill-ġdid għall-oġġetti personali jew għal użu domestiku li huma kampjuni mejta, ta’ partijiet jew ta’ derivati, li jappartjenu għall-ispeċi elenkati fl-Anness II ħlief:

      […]
      iv) il-kampjuni li ġejjin, jekk il-kwantità taqbeż il-limiti speċifikati:

         – kavjar tal-isturjun (Acipenseriformes spp.) – sa 125 gramma għal kull persuna, f’kontenitur ittikkettjat konformement mar-riżoluzzjoni Conf. 12.7 (Rev. CoP17);

[…]”

6 L-Anness 1 ta’ din ir-riżoluzzjoni, intitolat “Linji gwida għall-interpretazzjoni ta’ oġġetti personali jew għal użu domestiku”, jipprevedi:

“[…]

Definizzjoni ta’ oġġetti personali jew għal użu domestiku

8. Il-kampjuni huma miżmuma jew huma proprjetà fuq bażi personali għal skopijiet mhux kummerċjali, li jeskludi kwalunkwe użu għal skop kummerċjali jew bejgħ, kull preżentazzjoni għal skopijiet kummerċjali, kull żamma u kull trasport għal bejgħ u kull tqegħid għall-bejgħ.

[…]”

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 338/97

7 Il-premessa 12 tar-Regolament Nru 338/97 hija redatta kif ġej:

“Billi, biex ikunu assigurati kontrolli effettivi u jkunu faċilitati proċeduri doganali, uffiċċji doganali għandhom ikunu nominati, b’persunal imħarreġ li jkun responsabbli għat-twettiq tal-formalitajiet meħtieġa u tal-verifiki korrispondenti meta kampjuni jkunu introdotti [fl-Unjoni], sabiex jingħatalhom trattament jew użu approvat mid-dwana fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta’ Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [(ĠU

Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 30)], jew meta dawn ikunu esportati jew ri-esportati [mill-Unjoni]; billi għandu jkun hemm ukoll faċilitajiet biex jiggarantixxu li kampjuni ħajjin ikunu miżmuma kif xieraq u ndukrati[.]"

8 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 338/97 jistabbilixxi:

"L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jipproteġi l-ispeċi ta' fawna u flora salvaġġi u li jiggarantixxi l-konservazzjoni tagħhom billi jirregola l-kummerċ fihom skond l-Artikoli li ġejjin.

Dan ir-Regolament għandu japplika f'konformità ma' l-għanijiet, il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni imfissra fl-Artikolu 2."

9 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jiddisponi:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

(j) 'oġġetti personali jew domestiċi' għandha tfisser kampjuni mejta, partijiet jew derivattivi minnhom, li jkunu l-proprjetà ta' individwu privat u li jiffurmaw, jew li huma mahsuba biex jiffurmaw, parti mill-oġġetti u l-proprjetà mobbli tiegħu;

[…]

(t) 'kampjun' għandu jfisser kull annimal jew xitla, sew jekk haj/ħajja u sew jekk mejjet/mejta, ta' l-ispeċi elenkati fl-Annessi A sa D, xi parti jew derivattiva minnhom, kemm jekk tkun f'xi oġġetti ohra u kemm le, kif ukoll kull oġġett iehor li jitfaċċa minn xi dokument li jkun hemm magħhom, l-ippakkjar jew xi marka jew tikketta jew minn xi ċirkostanzi oħra, li huma jew li jkun fihom partijiet jew derivattivi ta' annimali jew pjanti ta' dawk l-ispeċi, sakemm dawk il-pjanti jew derivattivi ma jkunux speċifikament eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew minn xi dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-Anness li fih l-ispeċi kkonċernata hi elenkata permezz ta' indikazzjoni għal dak il-għan fl-Annessi konċernati.

[…]"

10 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-regolament:

"L-introduzzjoni [fl-Unjoni] ta' kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness B għandha tkun suġġetta għat-twettiq tal-verifiki kollha meħtieġa u l-preżentazzjoni minn qabel, fl-uffiċju doganali tal-fruntiera fil-post ta' l-introduzzjoni, ta' permess ta' importazzjoni maħruġ mill-awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru destinatarju."

11 L-Artikolu 7 tal-istess regolament jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu, intitolat "*Oġġetti personali jew domestiċi*":

"B'deroga mil-Artikoli 4 u 5, id-dispożizzjonijiet li hemm fihom m'għandhomx ikunu applikabbli għal kampjuni mejta, partijiet u derivattivi ta' speċi msemmija fl-Annessi A sa D li jkunu oġġetti personali jew domestiċi li jkunu qed jiddaħħlu [fl-Unjoni], jew esportati jew ri-esportati minnha, b'konformità mad-dispożizzjonijiet li għandhom ikunu speċifikati mill-Kummissjoni […]."

12 L-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 338/97 jippreċiża li l-miżuri neċessarji li l-Istati Membri għandhom jieħdu sabiex jissanzjonaw il-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kampjuni mingħajr il-permess jew iċ-ċertifikat xieraq, "għandhomn jixirqu lin-natura u l-gravità tal-ksur u għandhom jinkludu dispożizzjonijiet rgward il-qbid u, fejn xieraq, il-konfiska tal-kampjuni".

13 Fl-Anness B ta' dan ir-regolament, hemm "ACIPENSERIFORMES spp. (II) [Sturjuni u ħut spatula] (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A)".

Ir-Regolament Nru 865/2006

14 Il-premessi 1, 2 u 6 tar-Regolament Nru 865/2006 jistabbilixxu:

"(1) Hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KE) Nru 338/97 u sabiex tiġi żgurata l-konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet [CITES] […]

[…]

(2) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament (KE) Nru 338/97, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet u kriterji dettaljati għall-kunsiderazzjoni ta' applikazzjonijiet għal permessi u ċertifikati u għall-ħruġ, il-validità u l-użu ta' dawn id-dokumenti. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti mudelli li magħhom għandhom jikkorrespondu dawk id-dokumenti.

[…]

(6) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-immarkar ta' ċerti kampjuni ta' speċi sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tagħhom u jiġi żgurat l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 338/97."

15 Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 865/2006:

"Bla ħsara għall-Artikoli 31, 38, 44b, 44i u 44p għal kull kunsinna ta' kampjuni mibgħuta bil-baħar flimkien bħala parti minn tagħbija waħda, għandu jinħareġ jew permess ta' importazzjoni, jew notifika ta' importazzjoni, jew permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' esportazzjoni mill-ġdid separatament."

16 L-Artikolu 57 ta' dan ir-regolament, intitolat "L-introduzzjoni u l-introduzzjoni mill-ġdid [fl-Unjoni] ta' oġġetti personali u domestiċi", jiddisponi:

"1. Id-deroga mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għal oġġetti personali u domestiċi, kif preskritt fl-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament, ma għandhiex tapplika għal kampjuni li jintużaw għal profitt kummerċjali, li jinbiegħu u jiġu ppreżentati għal finijiet kummerċjali, li jinżammu għall-bejgħ, jiġu offruti għall-bejgħ jew jiġu ttrasportati għall-bejgħ.

[…]

3. L-ewwel introduzzjoni [fl-Unjoni] ta' oġġetti personali jew domestiċi, inklużi trofej tal-kaċċa, minn persuna li għandha r-residenza normali tagħha fil-Komunità u li tinvolvi kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Anness B għar-Regolament (KE) Nru 338/97 ma għandhiex teħtieġ

il-preżentazzjoni lid-dwana ta' permess ta' importazzjoni, dment li jiġu ppreżentati l-oriġinal ta' dokument ta' (ri)-esportazzjoni u kopja tiegħu.

[…]

4. L-introduzzjoni mill-ġdid [fl-Unjoni] ta' oġġetti personali u domestiċi, minn persuna li jkollha r-residenza normali tagħha fil-Komunità, inklużi trofej tal-kaċċa, li huma kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Annessi A jew B għar-Regolament (KE) Nru 338/97 ma għandhiex teħtieġ il-preżentazzjoni lid-dwana ta' permess ta' importazzjoni, dment li tiġi ppreżentata waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-'kopja għad-detentur' (il-formola 2) approvata mid-dwana ta' permess ta' importazzjoni jew esportazzjoni użat qabel fil-Komunità;

(b) il-kopja tad-dokument ta' (ri-)esportazzjoni msemmi fil-paragrafu 3;

(c) prova li l-kampjuni kienu akkwistati [fl-Unjoni].

5. B'deroga mill-paragrafi 3 u 4, id-dħul jew id-dħul mill-ġdid [fl-Unjoni] ta' l-oġġetti li ġejjin elenkati fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97 ma għandhomx jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' permess ta' importazzjoni jew permess ta' esportazzjoni (mill-ġdid):

(a) kavjar ta' l-ispeċi ta' l-isturjun (Acipenseriformes spp) sa massimu ta' 125 gramma għal kull persuna, f'kontenituri mmarkati individwalment […]

[…]"

Id-dritt Ġermaniż

17 Bis-saħħa tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 51(2) tal-Bundesnaturschutzgesetz (il-Liġi Federali dwar il-Protezzjoni tan-Natura), meta jiġi kkonstatat, waqt kontroll doganali, li annimali jew pjanti huma importati jew esportati mingħajr il-permess jew id-dokumenti l-oħra meħtieġa għal dan il-għan, l-awtorità doganali tikkonfiska l-annimali jew il-pjanti kkonċernati.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 Fix-xahar ta' Diċembru 2015, XY daħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni, mill-ajruport ta' Düsseldorf (il-Ġermanja) u kellha fil-pussess tagħha sitt kaxxi tal-kavjar tal-isturjun ta' 50 g kull waħda, mingħajr ma kellha permess ta' importazzjoni msemmi fl-Artikolu 51(2) tal-Liġi Federali dwar il-Protezzjoni tan-Natura.

19 Wara l-konfiska tal-imsemmija kaxxi mill-Uffiċċju Doganali Prinċipali B, XY ippreżentat rikors quddiem il-Finanzgericht Düsseldorf (il-Qorti tal-Finanzi ta' Düsseldorf, il-Ġermanja). Din laqgħet parzjalment dan ir-rikors billi ddeċidiet li, għalkemm il-bajd tal-isturjun huma riprodotti fl-Anness B tar-Regolament Nru 338/97 u li l-importazzjoni tagħhom hija, għaldaqstant, suġġetta għal permess ta' importazzjoni, din il-konfiska kienet madankollu illegali, sa fejn l-Uffiċċju Doganali Prinċipali B kellu jħalli lil XY tnejn mis-sitt kaxxi ta' kavjar ikkonċernati, li jikkorrispondu għal kwantità li ma taqbiżx 125 g, u li din ma kinitx intiża għal finijiet kummerċjali, peress li kellha l-intenzjoni li tagħtihom lil uliedha jew li tikkonsmahom hija stess.

20 L-Uffiċċju Doganali Prinċipali B adixxa lill-qorti tar-rinviju b'rikors għal reviżjoni minħabba li, fil-każ li jinqabeż il-limitu ta' 125 g msemmi fl-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament Nru 865/2006, il-kavjar tal-isturjun kollu li kien qed jiġi ttrasportat, u mhux biss il-kwantità żejda, kellu, fil-fehma tiegħu, jiġi kkonfiskat. Barra minn hekk, huwa jikkontesta l-fatt li l-kaxxi tal-kavjar tal-isturjun importati minn XY jistgħu jiġu kklassifikati bħala "oġġetti personali jew domestiċi", fis-sens tal-punt (j) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 338/97, peress li dawn il-kaxxi kienu intiżi sabiex jingħataw lil terz.

21 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament Nru 865/2006, sa fejn, minbarra l-fatt li din id-dispożizzjoni ma hijiex is-suġġett ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni uniformi fi ħdan l-Istati Membri, l-għan imfittex minn dan ir-regolament kif ukoll mir-Regolament Nru 338/97 u miċ-CITES, jiġifieri l-protezzjoni tal-ispeċi ta' fawna u flora selvaġġi mhedda, jimmilita favur interpretazzjoni stretta tal-imsemmija dispożizzjoni, li tipprovdi li, jekk jinqabeż il-limitu ta' 125 g, il-kwantità kollha tal-kavjar tal-isturjun importata għandha tiġi kkonfiskata mill-awtorità doganali kompetenti. Madankollu, kemm l-assenza ta' natura punittiva tal-istess dispożizzjoni kif ukoll il-qari, b'analoġija, tal-Artikolu 23(2) u tal-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU 2009, L 324, p. 23), li jipprevedu rispettivament valuri u kwantitajiet sa fejn il-merkanzija li taqa' taħt dan ir-regolament tiġi aċċettata mingħajr dazji fuq l-importazzjoni, jiġġustifikaw interpretazzjoni inqas stretta, li bis-saħħa tagħha, hija biss il-kwantità żejda ta' kavjar tal-isturjun importata li għandha tiġi kkonfiskata.

22 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-possibbiltà li l-punt (j) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 338/97 jiġi interpretat bħala li jeskludi li l-kaxxi tal-kavjar tal-isturjun importati minn XY jistgħu jiġu kklassifikati bħala "oġġetti personali jew domestiċi", minħabba li din iddikjarat li għandha l-intenzjoni li tagħtihom bħala rigal lil terz. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u mill-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament Nru 865/2006 bl-ebda mod ma jirriżulta li l-kunċett ta' "oġġetti personali jew domestiċi" japplika biss meta l-importatur tal-kampjun inkwistjoni jużah jew jikkonsmah huwa stess u li, fil-kawża prinċipali, ebda element ma juri li XY kellha l-imsemmija kaxxi għal finijiet kummerċjali. Hija tenfasizza wkoll li jista' jkun diffiċli, fil-prattika, għall-awtoritajiet doganali, li jivverifikaw b'mod affidabbli l-intenzjonijiet tal-importatur. Barra minn hekk, il-fatt li tiġi permessa l-importazzjoni ta' kampjun meta dan jiġi effettivament ikkonsmat mill-importatur u li jiġi pprojbit meta dan jiġi importat minn terz ikun nieqes minn kull loġika.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament Nru 865/2006 […], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-persuna li timporta kwantità totali ta' iktar minn 125 gramma ta' kavjar tal-ispeċi storjun (*Acipenseriformes spp.*) f'kontenituri b'marka individwali, mingħajr ma tippreżenta dokument ta' riesportazzjoni jew permess ta' importazzjoni, għandha tkun tista' żżomm kwantità ta' 125 gramma kavjar sakemm l-importazzjoni ma ssir għal ebda wieħed mill-iskopijiet elenkati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 57(1) tar-Regolament Nru 865/2006?

Fil-każ li għal din id-domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

2) Il-kampjuni li jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni jagħmlu parti mill-oġġetti personali jew domestiċi msemmija fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 338/97 anki jekk, fil-mument li dawn jiddaħħlu, il-persuna li tkun qiegħda timportahom tiddikjara li trid tagħtihom bħala rigal lil persuna oħra?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq it-tieni domanda

24 Permezz tat-tieni domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 338/97 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kavjar tal-isturjun, fil-mument tal-introduzzjoni tiegħu fit-territorju doganali tal-Unjoni, jista' jitqies bħala "oġġett personali jew domestiku", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta huwa intiż li jingħata bħala rigal lil terz, u jista' jibbenefika, għalhekk, mid-deroga, prevista f'din id-dispożizzjoni, għall-obbligu għall-importatur tiegħu li jippreżenta permess ta' importazzjoni.

25 Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Magistrat der Stadt Wien (ħamster komuni), C-477/19, EU:C:2020:517, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li, bis-saħħa tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 338/97, l-introduzzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni ta' kampjuni mejta, ta' partijiet u ta' derivati miksuba minn kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Annessi A sa D ta' dan ir-regolament ma hijiex suġġetta għall-obbligu li jiġi ppreżentat permess ta' importazzjoni għal dan il-għan, fil-każ ta' oġġetti personali jew domestiċi.

27 Skont id-definizzjoni stabbilita fil-punt (j) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 338/97, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "oġġetti personali jew domestiċi" l-kampjuni mejta, il-partijiet jew id-derivati minnhom, li jkunu l-proprjetà ta' individwu privat u li jifformaw jew li huma intiżi li jifformaw parti mill-oġġetti u l-proprjetà mobbli tiegħu.

28 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tippermettix li jiġi ddeterminat, b'mod inekwivoku, jekk l-applikabbiltà tal-kunċett ta' "oġġetti personali jew domestiċi" teħtieġx neċessarjament użu jew konsum, mill-importatur stess, tal-imsemmija kampjuni mejta, partijiet ta' kampjuni jew derivati minnhom.

29 Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż li tali oġġetti, miżmuma jew proprjetà fuq bażi personali, jistgħu sussegwentement jiġu ttrasferiti mill-importatur mingħajr ħlas lil terz bħala rigal, minflok ma jinżammu minn dan għal użu strettament individwali.

30 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest li fih jidħol ir-Regolament Nru 338/97, għandu jitfakkar li dan ir-regolament japplika, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tiegħu, b'osservanza tal-għanijiet, tal-prinċipji u tad-dispożizzjonijiet taċ-CITES, li l-Unjoni aderixxiet għalihom, b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tinjora dawn l-għanijiet sa fejn it-teħid inkunsiderazzjoni tagħhom huwa neċessarju għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2003, Nilsson, C-154/02, EU:C:2003:590, punt 39).

31 Issa, ir-Riżoluzzjoni 13.7 tal-Konferenza tal-Partijiet fiċ-CITES, li tippermetti li tiġi ċċarata l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni, imsemmija fil-punt preċedenti, tippreċiża, fil-punt 1 tagħha, li l-kunċett ta' "oġġetti personali jew għal użu domestiku" japplika għal kampjuni li jinżammu jew li huma proprjetà fuq bażi personali, għal finijiet mhux kummerċjali, li ġew akkwistati legalment u huma ttrasportati jew inklużi fil-bagalji personali jew jagħmlu parti minn ġarr.

32 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 57(1) tar-Regolament Nru 865/2006 jipprevedi li d-deroga prevista fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 338/97 ma tapplikax għall-kampjuni użati bi skop ta' lukru, mibjugħa, esposti għal finijiet kummerċjali, miżmuma għall-bejgħ, mibjugħa jew ittrasportati għall-bejgħ.

33 Għalhekk, kemm mill-kliem ta' dan l-Artikolu 57(1) kif ukoll minn dak tar-Riżoluzzjoni 13.7 tal-Konferenza tal-Partijiet fiċ-CITES jirriżulta li l-assenza ta' għan kummerċjali tal-kampjun importat jikkostitwixxi kriterju deċiżiv għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tiegħu bħala "oġġett personali jew domestiku", peress li din l-interpretazzjoni hija kkorroborata wkoll mill-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 338/97.

34 F'dan ir-rigward, fit-tielet lok, jeħtieġ li jitfakkar li s-sistema ta' protezzjoni stabbilita għall-kampjuni ta' speċi inklużi fl-Annessi A u B tar-Regolament Nru 338/97, għandha l-għan li tiżgura l-protezzjoni l-iktar sħiħa possibbli tal-ispeċi ta' fawna u flora selvaġġi bil-kontroll tal-kummerċ tagħhom, b'osservanza tal-għanijiet, tal-prinċipji u tad-dispożizzjonijiet taċ-CITES (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Sofia Zoo, C-532/13, EU:C:2014:2140, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Issa, ir-Riżoluzzjoni 13.7 tal-Konferenza tal-Partijiet fiċ-CITES tippreċiża, fil-preambolu tagħha, li l-kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Anness I ta' din il-konvenzjoni, li minnhom jagħmlu parti l-isturjuni, ma għandhomx jintużaw prinċipalment għal finijiet kummerċjali fil-pajjiż ta' importazzjoni.

36 Għaldaqstant, kemm mill-kuntest li fih jidħol ir-Regolament Nru 338/97 kif ukoll mill-għanijiet intiżi minnu jirriżulta li kampjun mejjet, parti minn kampjuni jew derivat minnhom, bħall-kavjar tal-isturjun, ma jistax jiġi kklassifikat bħala "oġġett personali jew domestiku", fis-sens tal-Artikolu 7(3) tal-imsemmi regolament, meta l-importatur għandu għan kummerċjali. Għall-kuntrarju, tali kwalifika hija ammessa fejn l-imsemmi kavjar huwa miżmum jew proprjetà fuq bażi personali u għal finijiet mhux kummerċjali, u dan indipendentement mill-fatt jekk huwiex jew le intiż li jingħata bħala rigal lil terz.

37 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 338/97 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kavjar tal-isturjun, fil-mument tal-introduzzjoni tiegħu fit-territorju doganali tal-Unjoni, jista' jitqies bħala "oġġett personali jew domestiku", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta huwa intiż li jingħata bħala rigal lil terz, sakemm ebda element ma jindika għan kummerċjali, u jista' jibbenefika, għalhekk, mid-deroga, prevista fl-imsemmija dispożizzjoni, għall-obbligu għall-importatur tiegħu li jippreżenta permess ta' importazzjoni.

Fuq l-ewwel domanda

38 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament Nru 865/2006 għandux jiġi interpretat fis-sens li hija biss il-kwantità ta' kavjar tal-isturjun importata li teċċedi l-limitu ta' 125 g għal kull persuna li għandha tiġi kkonfiskata mill-awtorità doganali, minħabba li l-importatur ma huwiex fil-pussess ta' permess maħruġ għall-finijiet tal-importazzjoni mwettqa, u mhux il-kwantità kollha introdotta fit-territorju doganali tal-Unjoni.

39 Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 25 ta' din is-sentenza, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti.

40 F'dan ir-rigward, għandu qabelxejn jitfakkar li, skont l-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament Nru 865/2006, l-introduzzjoni, fit-territorju doganali tal-Unjoni, ta' kavjar tal-isturjun sal-limitu ta' 125 g għal kull persuna ma hijiex suġġetta għall-obbligu, għall-importatur, li jippreżenta permess ta' importazzjoni lill-awtorità doganali kompetenti.

41 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tippermettix, bħala tali, li jiġu ddeterminati l-konsegwenzi tal-qbiż ta' dan il-limitu ta' 125 g għall-iffissar tal-kwantità ta' kavjar tal-isturjun li għandhom ikunu s-suġġett ta' konfiska mill-awtorità doganali kompetenti.

42 Sussegwentement, fir-rigward tal-kuntest li fih tinsab din id-dispożizzjoni, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 338/97 jistabbilixxi l-prinċipju li jgħid li l-introduzzjoni ta' kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness B hija suġġetta għall-preżentazzjoni ta' permess ta' importazzjoni maħruġ minn korp ta' ġestjoni tal-Istat Membru ta' destinazzjoni.

43 Minn dan isegwi li l-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament Nru 865/2006, billi jeżenta lill-importatur ta' kavjar tal-isturjun mill-obbligu li jippreżenta permess ta' importazzjoni meta l-limitu massimu ta' 125 g għal kull persuna huwa osservat, jikkostitwixxi deroga mill-prinċipju li jinsab fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 338/97 u għandu, għaldaqstant, ikun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Jannar 2013, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-360/11, EU:C:2013:17, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Fl-aħħar, fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 338/97, għandu jitfakkar li dan huwa intiż, konformement mal-Artikolu 1 tiegħu kif ukoll kif issemma fil-punt 34 ta' din is-sentenza, sabiex jiżgura l-iktar protezzjoni kompleta possibbli tal-ispeċi ta' fawna u ta' flora selvaġġi permezz tal-kontroll tal-kummerċ tagħhom.

45 Issa, tali protezzjoni tista' tiġi ggarantita biss bil-kundizzjoni li d-deroga prevista fl-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament Nru 865/2006 tkun limitata biss għall-importazzjonijiet ta' kwantitajiet żgħar ta' kavjar tal-isturjun u, għaldaqstant, biss jekk il-konfiska mill-awtorità doganali kompetenti tkopri l-kwantità kollha ta' kavjar tal-isturjun introdotta fit-territorju doganali tal-Unjoni.

46 Interpretazzjoni kuntrarja li tikkonsisti f'li jiġi ammess, fil-kuntest ta' din id-deroga, li hija biss il-kwantità ta' kavjar tal-isturjun li teċċedi l-limitu ta' 125 g għal kull persuna li għandha tiġi kkonfiskata mill-awtorità doganali kompetenti twassal, barra minn hekk, hekk kif enfasizza l-Gvern Ċek fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, sabiex tiġi inkoraġġita l-importazzjoni ta'

derivati minn kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness B tar-Regolament Nru 338/97 mingħajr permess ta' importazzjoni, u sabiex jiġi injorat l-għan, imsemmi fil-premessa 12 tal-imsemmi regolament kif ukoll fil-premessi 2 u 6 tar-Regolament Nru 865/2006, intiżi sabiex jiffaċilitaw il-proċeduri doganali u jiżguraw kontrolli effettivi.

47 F'dan ir-rigward, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-Finanzgericht Düsseldorf (il-Qorti tal-Finanzi ta' Düsseldorf), iddeċidiet li żewġ kaxxi tal-kavjar tal-isturjun ta' 50 g kull waħda, jiġifieri kwantità totali ta' 100 g għal kull persuna, kellhom jingħataw lura lir-rikorrenti mill-Uffiċċju Doganali Prinċipali B. Madankollu, din l-evalwazzjoni, minbarra l-fatt li ċċaħħad lil XY mill-benefiċċju ta' 25 g ta' kavjar tal-isturjun li hija kienet awtorizzata timporta, fid-dawl tal-imsemmi limitu ta' 125 g għal kull persuna, mingħajr ma tippreżenta permess ta' importazzjoni għal dan il-għan, turi l-kumplessità tal-proċeduri li l-awtoritajiet doganali jistgħu jiffaċċjaw kieku biss il-kwantità żejda ta' kavjar tal-isturjun kellha tkun suġġetta għal konfiska.

48 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament Nru 865/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-kwantità ta' kavjar tal-isturjun introdott fit-territorju doganali tal-Unjoni teċċedi l-limitu ta' 125 g għal kull persuna u li l-importatur ma huwiex fil-pussess ta' permess maħruġ għall-finijiet tal-importazzjoni mwettqa, huwa l-kavjar tal-isturjun kollu importat b'dan il-mod li għandu jiġi kkonfiskat mill-awtorità doganali kompetenti.

Fuq l-ispejjeż

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 7(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1320/2014 tal-1 ta' Diċembru 2014, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kavjar tal-isturjun, fil-mument tal-introduzzjoni tiegħu fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea, jista' jitqies bħala "oġġett personali jew domestiku", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta huwa intiż li jingħata bħala rigal lil terz, sakemm ebda element ma jindika għan kummerċjali, u jista' jibbenefika, għalhekk, mid-deroga, prevista fl-imsemmija dispożizzjoni, għall-obbligu għall-importatur tiegħu li jippreżenta permess ta' importazzjoni.**

2) **L-Artikolu 57(5)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/870 tal-5 ta' Ġunju 2015, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-kwantità ta' kavjar tal-isturjun introdott fit-territorju doganali tal-Unjoni teċċedi l-limitu ta' 125 gramma għal kull persuna u li l-importatur ma huwiex fil-pussess ta' permess maħruġ għall-finijiet tal-importazzjoni mwettqa, huwa l-kavjar tal-isturjun kollu importat b'dan il-mod li għandu jiġi kkonfiskat mill-awtorità doganali kompetenti.**

Firem